L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Ħarġa ġdida ta' *Il-Malti*

L-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Klabb Kotba Maltin ħarġet l-edizzjoni numru 91 tar-rivista *Il-Malti,* il-ħarġa letterarja għas-sena 2018. Din l-edizzjoni hija editjata minn Dr Josette Attard. Flimkien ma' Dr Attard, kien hemm ukoll bord magħmul minn Phyllis Debono, Patri Norbert Ellul Vincenti u Marlene Saliba li ħadu ħsieb l-għażla finali tax-xogħlijiet li ġew ippubblikati. Fl-editorjal, l-editriċi kkummentat fuq il-varjetà tax-xogħlijiet li qed ikunu ppubblikati fil-ġabra msemmija kif ukoll il-varjetà ta' stili letterarji. Dr Attard appellat biex iktar nisa jersqu 'l quddiem u jippreżentaw il-letteratura tagħhom.

Ix-xogħlijiet f'din il-ġabra jinqasmu fi tlieta – poeżija, proża u traduzzjonijiet. Il-poeti inklużi f'din il-ġabra huma Geoffrey G. Attard, Charles Bezzina, Ġorġ Borg, Charles Casha, Louis Briffa, John Caruana, Manwel Cassar, Carmel G. Cauchi, Claudia Gauci, Jane Micallef, Manwel Schembri, Immanuel Mifsud u Therese Pace.

L-awturi li ppreżentaw il-proża f'din il-ħarġa ta' *Il-Malti* huma Charles Casha, Victor Fenech, Alex mizzi, Jane Micallef, Therese Pace, Rita Saliba, Joseph Vella u Trevor Zahra filwaqt li xogħlijiet tat-traduzzjoni saru minn Toni Aquilina, Manwel Cutajar, Sergio Grech, Therese Pace, Yana Psaila, Kevin Saliba. Ivan Said, Salv Sammut u Paul Zahra.

Max-xogħlijiet letterarji msemmija jiżdied ukoll obitwarju dwar Pawlu Mizzi, il-fundatur tal-Klabb Kotba Maltin miktub minn Sergio Grech.

Din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* hija ddedikata lill-membri tal-Moviment Qawmien Letterarju.

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Akkademja tal-Malti: https://akkademjatalmalti.org/

03.06.2020

12, App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademja.org

fb.com/akkademjatalmalti

www.akkademjatalmalti.org